

Żagħżugħa ta' sittin sena

L-Unjoni Ewropea dis-sena tagħlaq is-sittin. Età sabiħa għall-bnedmin: ikunu għexu sensiela ta' esperjenzi b'ħafna stejjer x'jirakkuntaw. Iżda wkoll l-għabex tal-ħajja: ħafna jkunu nanniet ta' dik l-età, resqin lejn il-pensjoni, ħajjithom tikkalma u jibdeu mexjin bil-mod il-mod lejn l-aħħar fażi tagħha.

Għall-UE, mod ieħor. Kibret, forsi xjaħet, imma qed tiċċelebra qisha żagħżugħa. Kellha ħajja miżgħuda avvenimenti eċċitanti, bosta sbieħ, xi wħud koroh jew diżappuntanti, iżda kollha waqtiet storiċi li ma jintesewx. Imma minkejja li dis-sena se tħares lura u tiftakar fl-imgħoddi — forsi b'nostalġija, imma żgur bi kburiya u sodisfazzjon — l-Unjoni taf li dan mhuwiex żmien biex wieħed jibqa' mwaħħal fil-memorji. Anzi, huwa żmien ta' tiġdid, fejn mill-ħarsa lejn li għadda, jistgħu jinstiltu t-tagħlimiet għall-ġejjieni.

Iċ-ċelebrazzjonijiet għas-sittin sena tal-UE huma stedina biex nippjanaw il-futur flimkien. Ngħiduha, mhux kulħadd jiftakarhom sittin sena ta' storja. X'aktarx in-nanniet u l-ġenituri tagħna kienu jisimgħu dwar is-Suq Komuni, kif għamlet żmien tisseejjah l-Unjoni Ewropea, imma ftit setgħu gawdew minnu, għax Malta kienet għadha 'l bogħod wisq milli ssir membru. Kellu jseħħ vjaġġ ta' snin twal sakemm Malta wkoll issieħbet. U donnu kull ġenerazzjoni rat Unjoni differenti: għaqda li dejjem tiżviluppa u tinbidel, għaqda li qisha qatt ma tieqaf. U tassew żagħżugħa: tiskopri l-ħajja u tiġbor l-esperjenzi sakemm issir adulta, iżda anki ta' kbira, ma tinsihx żmienha u tibqa' xorta waħda tistinka, kurjuża biex titgħallem u tkompli tikber.

Żgħażaġħ u ġenerazzjonijiet oħra li l-Unjoni jafuha ta' età iżgħar, xorta waħda jinteressawhom is-sittin sena tal-UE. Għax minn dawk l-iżviluppi politiċi u storiċi kollha, ħarġu l-benefiċċji li jgawdu llum frott is-sħubija: il-libertà li tivvjaġġa bejn diversi pajjiżi mingħajr il-bżonn ta' passaporti u kontrolli, munita komuni li tneħħlek l-uġiġħ ta' ras tat-tisrif tal-flus, il-fatt li tista' taħdem u tistudja bla xkiel fl-Istati Membri kollha, ma teħilx tariffi żejda jekk tuża l-mobile meta tkun imsiefer fl-UE ... il-lista ma tispiċċa qatt.

Storja li għadha ma spiċċatx u li għad baqagħlha tkompli tinkiteb. Mela, awguri Unjoni Ewropea, u *ad multos annos!* Ejjew nitgħallmu mill-kisbiet tal-imgħoddi biex inħejju għall-isfidi tal-ġejjieni!